31990R0643

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 643/90
tal-5 ta' Marzu 1990
li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2841/72 dwar il-miżuri salvagwardji previsti fil-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi Protokoll Supplementarju għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera kien iffirmat fil-31ta' Ottubru 1989 bil-ħsieb li jelimina u ma jħallix restrizzjonijiet kwantitattivi għall-esportazzjonijiet jew miżuri li għandhom effett ekwivalenti [1];

Billi l-Protokoll jipprovdi għall-inserzjoni fil-Ftehim ta' klawsula salvagwardja speċifika bil-ħsieb li ttaffi l-problemi li x'aktarx jinqalgħu minħabba t-tneħħija għal kollox tar-restrizzjonijiet ta' l-esportazzjoni; billi l-implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet għandha tkun mfassla billi jiġi emendat ir-Regolament (KEE) Nru 2841/72 [2];

Billi l-Artikolu 7 tar-Regolament imsemmi jipprovdi li, sabiex jiġi evitat kompromess fl-unità tas-suq komuni, il-Kummissjoni tista' tipproponi lill-Kunsill li r-Regolament, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 (3)tiegħu, jiġi emendat fid-dawl ta' l-esperjenza;

Billi, fil-kuntest tat-tkomplija tas-suq intern fl-1992, il-miżuri salvagwardji nazzjonali għandhom jiġu mħassra għal kollox u flokhom tidħol proċedura tal-Komunità bi qbil mar-regoli dettaljati stabbiliti mill-Kunsill fid-Deċiżjoni Nru 87/373/KEE [3].

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu Waħdieni

Ir-Regolament (KEE) Nru 2841/72 huwa hawnhekk emendat kif ġej:

1. fl-Artikolu 1(1), "għall-iskop biex jittieħdu l-miżuri previsti fl-Artikoli 22, 24 u 26 tal-Ftehim" hi mibdula b' "għall-iskop biex jittieħdu l-miżuri previsti fl-Artikoli 22, 24, 24a u 26 tal-Ftehim";

2. L-Artikolu 4 hu mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

1. Fejn ċirkostanzi eċċezzjonali jeħtieġu azzjoni immedjata fis-sitwazzjonijiet msejħa fl-Artikoli 24, 24a u 26 tal-Ftehim jew fil-każ ta' għajnuniet fl-esportazzjoni li għandhom effett dirett u immedjat fuq il-kummerċ, il-miżuri ta' prekawzjoni previsti fl-Artikolu 27(3)(e) tal-Ftehim jistgħu jiġu adottati bi qbil mal-proċedura mfassla hawnhekk iżjed 'il quddiem.

2. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita bil-kumitat kompost mir-rappreżentanti ta' l-Istati Membri u ppreseduti mir-rappreżentant tal-Kummissjoni.

Il-kumitat għandu jiltaqa' meta jkun imsejjaħ mill-president tiegħu. Dan ta' l-aħħar għandu jikkomunika kull informazzjoni xierqa lill-Istati Membri mingħajr dewmien.

3. Wara li tikkonsulta l-kumitat il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi fuq miżuri xierqa jew fuq inizjattiva tagħha jew fuq talba ta' Stat Membru. L-Istati Membri kollha għandhom jiġu notifikati bid-deċiżjoni tal-Kummissjoni, li għandha tiġi applikata mill-ewwel.

4. Meta l-Kummissjoni tkun mitluba biex tieħu azzjoni minn xi Stat Membru, hi għandha tieħu deċiżjoni fi żmien massimu ta' ħames ġranet ta' xogħol wara l-irċevuta ta' din it-talba.

5. Kull Stat Membru jista' jirreferi d-deċiżjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill fi żmien massimu ta' ħames ġranet ta' xogħol ta' notifikazzjoni tad-deċiżjoni.

Il-Kunsill, li qed jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jieħu deċiżjoni differenti fi żmien massimu ta' 10 ġranet ta' xogħol ta' riferenza bħal din.";

3. L-Artikolu 7 hu hawnhekk mħassar.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fil-kumplessità tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-5 ta' Marzu 1990.

F'isem il-Kunsill

Il-President

G. COLLINS

---

(1) ĠU L 295, tat-13.10.1989, pġ. 29.
(2) ĠU L 300, tad-19.12.1972, pġ. 284.
(3) ĠU L 197, tat-18.7.1987, pġ. 33